Biex dak kollu li għandu impatt fuq l-enerġija

# JSIR IKTAR EFFIĊJENTI



minn Julian Micallef
Uffiċjal tal-MEUSAC

**Ir-riżorsi naturali li jintużaw l-aktar biex nipproduċu l-enerġija huma ż-żejt, il-gass u l-faħam – kollu materjal li xi darba għad irid jispiċċa**

Mhux ta' b'xejn li meta ekonomija kbira żżid id-domanda għal dawn ir-riżorsi, is-sistema ekonomika dinjija tiġi affettwata malajr. Konformità mar-regoli ekonomiċi bażiċi? Hekk hu. Imma ta' interess għall-konsumatur jew min għandu xi negozju huwa kif se jintlaqat.

L-alternattivi li jistgħu jintgħażlu biex jikkumpensaw għal dan il-fatt mhumiex ħafna. Imma jeżistu bosta metodi kif dan jista' jsir. Hu għalhekk li qed ikun hawn kampanji ta' informazzjoni dwar kif tista' tiffranka l-użu u, per eżempju, miżuri fiskali favur apparat li jiġbor l-enerġija minn sorsi dejjiema bħax-xemx u r-riħ.

Teknoloġija li hija iktar effiċjenti qed tinstab iktar malajr fis-suq. Illum, il-konsumatur ma jħarisx biss lejn x'se jieħu minn prodott imma wkoll kemm se jiswa biex jużah. Il-Kummissjoni Ewropea qed tagħmel enfasi partikulari fuq dan l-aspett, anki għaliex l-argument mhuwiex f'li jitnaqqas il-livell ta' għixien li ġie milħuq imma li r-riżorsi jintużaw ħafna aħjar.

Fost l-inizjattivi Ewropej insibu qafas regolatorju ġdid li se jpoġġi numru ta' obbligi fuq min jimmanifattura biex mill-bidu nett jiddisinnja l-prodotti tiegħu b'għan li jkunu effiċjenti. Hemm diversi eżempji ta' prodotti li se jiġu koperti - minn televiżjoni għal apparat li jiċċarġja, dwal tal-uffiċini u t-toroq, apparat li jsaħħan l-ilma u ħafna oħrajn.



Hemm ukoll il-ħsieb li prodotti oħra li jkollhom impatt fuq l-użu tal-enerġija, anki b'mod indirett bħal, ngħidu aħna, deterġenti li jintużaw fil-ħasil tal-ħwejjeġ jew inkella twieqi, ukoll jiġu mtejba. Il-proċess biex isir dan għalissa għadu qed jinħema, imma b'mod mgħaġġel! Diġà qed jiġu stabbiliti s-snin li fihom ir-regoli jridu jibdew jiġu mħarsa u l-effett se jkun wiesa'. Biex nieħdu eżempju, maż-żmien, oġġetti żgħar bħal lampi inkandexxenti se jispiċċaw mis-swieq Ewropej u ma tkunx tista' ssib biex tibdilhom.

Iċ-ċans hu li se jkun il-pubbliku stess, iktar konxju tas-sitwazzjoni, li se jmexxi lis-suq lejn soluzzjonijiet iktar effiċjenti. Li se jkun hemm żgur hija imbuttatura Ewropea għal min jipproduċi, biex jiġi żgurat li l-miri fl-effiċjenza jibqgħu jogħlew. Inqas impatt fuq il-but, inqas effett ħażin fuq l-ambjent u iktar serħan tal-moħħ li r-riżorsi tal-enerġija mhux se jinxfu malajr. ■